# Ir-Restawr tal-Vara tal-Madonna tad-Duttrina

**Kienet is-sena 1876, meta l-Kappillan Dun Franġisk Feliċ Attard, fuq ix-xewqa tal-fratelli, qabbad lill-istatwarju Ġlormu Darmanin biex jagħmel statwa tal-Madonna tad-Duttrina. Is-sena d-dieħla taħbat il-125 sena, minn mindu din l-istatwa nħarġet għall-ewwel darba fil-purċissjoni, f'Ġunju 1877.**

Fl-1924 kien sar xi xogħol ta' restawr fuq din l-istatwa minn Angelo Dalli, magħruf bħala *s-suffari*, li kien joqgħod fejn illum hemm il-post numru 25 fi Triq Palma, Ħal Tarxien stess. Fl-1955, il-vara kienet ġiet indurata għand id-ditta Francalanza tal-Belt, filwaqt li fl-1979, kellu jsir intervent ċkejken biex setgħet tissewwa l-ħsara, kkawżata minn inċident sfortunat matul il-purċissjoni.

Il-ħtieġa li jerġa' jsir xogħol ta' restawr fuq il-vara tal-Madonna tad-Duttrina, kienet ilha tinħass, iktar u iktar meta fin-naħa t'isfel tal-figura tal-Madonna, taħt ir-riġlejn u madwar il-mant min-naħa ta' wara, bdew jidhru xi xquq. Barra minn hekk, kien osservat ukoll, li matul il-purċissjoni, il-figura tal-Madonna kienet tiċċaqlaq. Iż-żmien kien qed iħalli l-marka tiegħu, u l-ħsara kienet qed tikber sena wara sena, speċjalment minħabba l-prattika li l-vara titella' t-taraġ taz-zuntier bil-ġirja.



*L-istatwa tal-Madonna tad-Duttrina, wara li nqalgħet minn fuq il-platform l-antik, biex titpoġġa fuq wieħed ġdid.*

Il-ħsarat kienu ilhom jidhru, imma ssemmew għall-ewwel darba fil-laqgħa tal-Fratellanza tad-19 ta' Novembru 1997, fejn il-fratelli wrew ukoll ix-xewqa li jsir dan ir-restawr. Imbagħad fil-laqgħa tal-11 ta' Ġunju 1998 ġie deċiż li jkunu avviċinati s-Sur Renzo Gauci bħala statwarju, u membru fil-Fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina, kif ukoll is-Sur John Orlando bħala induratur u restawratur ta' xogħlijiet indurati. Dawn intalbu jħejju rapporti u stimi tax-xogħol meħtieġ.

Wara li saru r-rapporti u l-istimi, inġabu l-permessi meħtieġa mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi, u fil-laqgħa tat-28 ta' Settembru 1999, ġie deċiż li dan ix-xogħol għandu jibda eżatt wara li tgħaddi l-festa tas-sena 2000. Il-ġbir tal-fondi, biex dan il-proġett, seta' jitwettaq, ħa ħsiebu Twanny Agius, Assisstent Rettur tal-Fratellanza.

Fit-18 ta' Lulju, 2000, jiġifieri jumejn fuq il-festa, l-istatwa ttieħdet fl-istudjo ta' Renzo Gauci, fi Triq il-Fieres, fejn hu seta' jeżamina aktar bir-reqqa l-ħsarat li kienu ġew innutati. B'dan il-mod, seta' jippjana x-xogħol li kien hemm bżonn isir.

Huwa beda billi fetaħ l-istatwa min-naħa ta' wara tal-mant. Il-ħsarat li kien hemm, u l-intervent li kienu jeħtieġu, issa bdew joħorġu iktar ċari, iżda sar magħruf ukoll li fl-interventi preċedenti, l-istatwa kienet ingħatat diversi kisjiet ta' ġibs fuq xulxin, u dawn kienu qed jikkawżaw diversi xquq fl-istatwa. Hawn deher ukoll li s-serratizz, li huwa l-anima ta' l-istatwa, kien f'kundizzjoni tajba iżda kien distakkat min-naħa t'isfel, minħabba li r-rabta ta' dan is-serratizz ma kinetx imsaħħa biżżejjed mal-platform ta' taħt il-figura. Għalhekk ġie deċiż, li l-platform tinħadem mill-ġdid, u s-serratizz, jintrabat magħha bi brekit tal-ħadid. Il-platform inħadmet minn Ġużeppi Agius, u John Massa għamel ix-xogħol tal-ħadid, skond it-talbiet ta' Renzo Gauci. Meta tlesta dan ix-xogħol, Renzo neħħa l-figura tal-Madonna, minn fuq il-platform il-qadima u poġġiha fuq il-ġdida. Il-figura tal-Madonna, issa kienet imsaħħa fuq platform ġdid, u Renzo, seta' jlaqqa' l-kumplament tal-blat ta'

*(ikompli f'paġna 9)*










# *Ir-Restawr tal-Vara, mill-Qrib*

1. Jumejn fuq il-festa tas-sena l-oħra, il-vara tal-Madonna tad-Duttrina, tittieħed għar-restawr.
2. Renzo Gauci, jiftaħ biċċa mill-mant, biex jara l-ħsarat aktar mill-qrib, u jkun jista' jippjana x-xogħol.
3. Il-figura tal-Madonna, msaħħa f'postha permezz ta' brekit tal-ħadid.
4. Il-mant jerġa' jitwaħħal f'postu, wara li ssewwiet il-ħsara.
5. John Orlando jagħmel id-disinn fuq il-ġibs, wara li neħħa d-diversi kisjiet ta' ġibs, li ngħataw matul is-snin.
6. Il-vara tal-Madonna tad-Duttrina, qabel inżebgħet. Aktar qrib ix-xbieha oriġinali ta' Ġlormu Darmanin









(minn paġna 6)

taħt il-figura billi jnaqqxu fl-injam tal-platform, u lesta dan il-proċess billi għalaq mill-ġdid, il-mant ta' l-istatwa.

Imbagħad l-istatwa ttieħdet kompluta bil-figuri tat-tfal, fl-istudjo ta' Sur John Orlando, fi Triq Francesco Crispi, fejn inbeda proċess ieħor ta' delikatezza. Kif diġa għidna, ix-xquq li kienu osservati matul il-figura kollha, kienu kkawżati mill-fatt li l-aħħar kisja ġibs għall-induratura, kienet ingħatat fuq il-kisjiet li kien hemm qabel. Hekk kif beda jitqaxxar dan il-ġibs, stajna naraw iż-żebgħa li kien għamel Angelo Dalli *s-suffari*, fl-1923, u meta tneħħa iktar ġibs beda jidher il kulur oriġinali li kien ta lill-istatwa, Ġlormu Darmanin. Bdiet tidher id-delikatezza li biha kien jaħdem, u li għaliha kien magħruf dan l-istatwarju. Deħru wkoll il-bidliet li kien għamel Angelo Dalli, u b'hekk sirna nafu li wara kollox l-intervent tas-suffari ma kienx kbir ħafna. Biex issewwi l-ħsarat li seta' kien hemm fl-idejn tal-figura, Dalli kien ta xi kisja ġibs, li John Orlando ħa ħsieb inaddaf biex seta' jidher id-detall u l-kulur oriġinali ta' l-idejn.

Wara xi tiswijiet oħra li kien hemm bżonn isiru, John Orlando reġa' għamel il-ġibs, b'delikatezza u attenzjoni kbira, biex jibqa' jidher id-detall tal-panneġġi. Wara dan, b'koperazzjoni ma' Renzo Gauci, reġa' għamel id-disinn fuq l-ilbies tal-figura, biex fl-aħħarnett, l-istatwa reġgħet ittieħdet fl-istudjo ta' Renzo, biex dan ikun jista' jiżbogħ il-karnaġġjon tal-figuri tat-tfal u tal-Madonna.

Għal grazzja t'Alla, bis-saħħa ta' dan ir-restawr ingħatat saħħa ġdida lil din l-istatwa, filwaqt li reġa' ħareġ il-ġmiel ta' din l-opra artistika. Kull meta nħarsu lejn din l-istatwa, kif ukoll lejn il-figuri l-oħrajn tal-Madonna li għandna fil-parroċċa tagħna, għandna niftakru fl-Omm tagħna tas-sema u nirrikorru lejha b'tama qawwija, biex hi tgħina nersqu lejn binha Ġesù.

*Karmenu Massa*
*Segretarju tal-Fratellanza*

## Renzo Gauci

"Żammejna prudenza biex tkun rispettata l-vara bħala skultura... l-użu tad-disinn irid jirrispetta l-iskultura ta' l-istatwa. U dan hu li ppruvajna nagħmlu. Ir-restawr ta' ġewwa sar biex tajna lill-istatwa saħħa ġdida, mingħajr ma tlifna l-pożizzjoni u l-panneġġjar tad-drapp. Ingħatat attenzjoni speċjali biex l-ornat ma jtellef xejn mill-effett li ried l-iskultur oriġinali."





## John Orlando

"Hadt dimensjoni ġdida ta' kif tħares lejn restawr ta' statwa. Meta taħdem f'ko-ordinazzjoni ma' xi ħadd intiż fl-iskultura, tkun tista' tifhem aktar dak li ried l-iskultur oriġinali, u għalhekk xogħlu tirrispettah aktar. Dak li ried Ġlormu Darmanin, stajna narawh, wara li tneħħa ġibs ta' interventi differenti. Meta jagħmel dekorazzjoni, wieħed irid jirrispetta l-iskultura nnifisha u għalhekk sar sforz biex jerġa' jintwera l-istil neo-klassiku ta' l-epoka li fiha saret l-istatwa."